

## **Assistent Amministrattiv**

Unità: Uffiċċju tad-Direttur

Referenza: ECDC/AST/2019/DIR-ADA

Qegħdin jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' hawn fuq ta' Aġent Temporanju fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

### **Deskrizzjoni tal-impjieg**

Il-persuna impjegata se tirrapporta għand il-Kap tal-Affarijiet Korporattivi.

Huwa/hija se jkun/tkun responsabbli b'mod partikolari mill-oqsma ta' xogħol li ġejjin:

- L-abbozzar u l-koordinazzjoni tal-korrispondenza tad-Direttur u dokumentazzjoni oħra;
- It-tnejjija tal-vjaġġi tan-negozju tad-Direttur, inklużi l-programm, l-itinerarju u d-dokumenti ta' sostenn;
- L-assistenza b'avvenimenti esterni u interni, inkluża t-tnejjija tad-dokumentazzjoni finanzjarja;
- L-organizzazzjoni u l-koordinazzjoni ta' appuntamenti u ta' laqgħat interni;
- L-appoġġ tal-proċessi u tal-flussi tax-xogħol tal-Unità u l-kontribut għall-iżvilupp u għat-titjib tal-proċessi;
- Kwalunkwe komputu ieħor relatat mal-qasam tax-xogħol tiegħu/tagħha kif mitlub.

# Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

## A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni postsekondarja ta' mill-anqas tliet snin attestat b'diploma<sup>1</sup>; jew livell ta' edukazzjoni sekondarja attestat b'diploma li tagħti aċċess għal edukazzjoni postsekondarja u mill-anqas 3 snin ta' esperjenza professjonali<sup>2</sup> wara dik id-diploma;
- Għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietu/ħa<sup>3</sup>;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Li jkun intitolat għad-drittijiet kollha tiegħu jew tagħha bħala ċittadin<sup>4</sup>;
- Il-kandidat għandu jkun issodisfa l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Jissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Ikun fiżikament kapaċi jwettaq id-dmirijiet relatati ma' din il-kariga.

## B. Kriterji tal-għażla

Biex tikkwalifika għal din il-kariga identifikajna kriterji essenzjali fir-rigward tal-esperjenza professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali. Dawn huma:

### Esperjenza/għarfien professjonali:

- Mill-anqas 4 snin esperjenza professjonali (wara l-għoti tad-diploma) miksuba f'karigi rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjieg;
- Esperjenza fit-tfassil ta' korrisondenza ta' negozju;
- Esperjenza bi prova ta' ħidma f'funzjoni ta' appoġġ amministrattiv f'ambjent ta' ħidma multikulturali;
- Esperjenza bi prova ta' kontribut fl-organizzazzjoni ta' laqgħat, inklużi laqgħat b'parteċipanti esterni;
- Esperjenza bi prova fl-iżvilupp u fit-titjib ta' proċessi amministrattivi interni;
- Għarfien eċċellenti ta' Microsoft Office (Word, Excel, Power Point u Outlook).
- Livell eċċellenti tal-Ingliš, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

<sup>1</sup> Għandhom jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

<sup>2</sup> Is-servizz militari obbligatorju dejjem jiġi kkunsidrat.

<sup>3</sup> Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali, il-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operattiv ta' tleat lingwa tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

<sup>4</sup> Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

## Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Livell għoli ta' diskrezzjoni u abbiltà fil-ġestjoni ta' kwistjonijiet kunfidenzjali;
- Livell għoli ta' preċiżjoni u ta' attenzjoni għad-dettall;
- Ħila eċċellenti ta' komunikazzjoni ma' individwi fil-livelli kollha u ta' ħidma f'tim;
- Livell għoli ta' responsabbiltà u ta' abbiltà għat-teħid ta' inizzjattiva u għall-koordinazzjoni tal-proċessi amministrattivi;
- Livell għoli ta' orjentazzjoni lejn is-servizz u l-abbiltà ta' adattament għal bżonnijiet organizzattivi li dejjem jinbidlu;
- Xprunat mill-kwalità u ħila ta' għoti ta' appoġġ amministrattiv eċċellenti anke taħt il-pressjoni tax-xogħol.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel.

## Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjeg

Il-persuna impjegata se tintgħażel abbażi ta' lista qasira proposta mill-Kumitat tal-Għażla lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat tal-Għażla. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom jinnottaw li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni tagħhom fil-lista qasira ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ tagħhom. Il-lista qasira ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' għażla miftuħa.

Il-kandidat li jintgħażel se jiġi reklutat bħala Aġent Temporanju, skont l-Artikolu 2f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-grad **AST/SC 1**.

L-applikanti għandhom jinnottaw ir-rekwiżit skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal ġdid kollu li għandu jtemm il-perjodu ta' prova b'suċċess.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

[http://ecdc.europa.eu/en/aboutus/jobs/Documents/Staff\\_Regulations\\_2014.pdf](http://ecdc.europa.eu/en/aboutus/jobs/Documents/Staff_Regulations_2014.pdf)

Il-post tal-impjeg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

## Lista ta' riżerva

Fil-każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili, tista' tinħoloq lista ta' riżerva u din tista' tintuża għar-reklutaġġ. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

## Proċedura ta' applikazzjoni

**Biex tapplika jekk jogħġbok ibgħat applikazzjoni mimlija lil**

**[Recruitment@ecdc.europa.eu](mailto:Recruitment@ecdc.europa.eu) u fis-suġġett tal-email indika b'mod ċar ir-referenza tal-pożizzjoni vakanti u kunjomok.**

**Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun valida, għandek timla t-taqsimiet meħtieġa kollha tal-formola ta' applikazzjoni, li għandha tintbagħat fil-format ta' Word jew**

**PDF u preferibbilment bl-Ingliż<sup>5</sup>. Applikazzjonijiet mhux mimlija għalkollox jitqiesu bħala mhux validi.**

**Il-formola ta' applikazzjoni tal-ECDC tinsab fuq is-sit web tagħna hawnhekk:**

**<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u aktar informazzjoni rigward l-istatus ta' din il-proċedura tal-għażla, kif ukoll informazzjoni importanti rigward il-proċess tar-reklutaġġ, hija mniżżla fuq is-sit web tagħna u tista' tinstab bl-użu tal-link ta' hawn fuq.

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

---

<sup>5</sup> Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinal tiegħu bl-Ingliż. Peress li l-lingwa tal-ħidma ta' kuljum tal-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż, l-ECDC jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.